

# Il-Kwadru Titulari tal-Knisja ta' Ġieżu fil-Belt Valletta



**Is-Sur Mario Fenech**



Il-Knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù, jew kif inhi magħrufa l-aktar Ta' Ġieżu fil-Belt Valletta mmexxija mill-Patrijiet Franġiskani Minuri hija mżejna b'għadd ta' opri sagri sbieħ li saru matul is-snin twal li għaddew minn fuq din il-Knisja.

Il-Kwadru Titulari ta' din il-Knisja huwa wieħed minn dawn ix-xogħlijiet kbar u jmur lura lejn l-ewwel snin tas-seklu sbatax. L-artist li pinġieh huwa Antonio Catalano. It-tila hija waħda mdaqqsa sew, hija mżewqa b'numru ta' figuri li l-artist ġabar flimkien bħala l-Qaddisin l-aktar li kellhom rabta mal-poplu Malti u mal-Knisja dak iż-żmien.

Fiċ-ċentru tat-tila naraw lil Santa Elizabetta bilqiegħda żżomm b'idejha l-leminija lil binha Ġwanni l-Battista għadu daqsxejn ta' tifel. San Ġwann jista' jingħaraf mis-salib bil-faxxa miegħu li hemm fl-art maġenbu. Ħdejn Santa Elizabetta hemm il-Madonna bilqiegħda wkoll fuq it-tron qiegħda żżomm lill-Bambin Ġesù f'ħoġorha.

Hawnhekk naraw ix-xena taż-żwieġ mistiku ta' Santa Katarina Verġni u Martri ma' Ġesù Bambin. Dan il-fatt qiegħed spjegat ferm tajjeb mill-artist bil-Bambin Ġesù qiegħed iżomm id il-leminija tal-Qaddisa filwaqt li f'idu l-oħra għandu ċurkett żgħir. Is-simboli tal-Martirju ta' Santa Katarina narawhom ħdejn riġlejha. Ir-rota mkissra u x-xabla. Il-figuri l-oħrajn li naraw fuq in-naħa tal-lemin wara l-figura ta' Santa Katarina huma Sant'Agata u Santa Barbara. Dawn ukoll narawhom bis-simboli tal-Martirju tagħhom f'idejhom.

Biex dan ix-xogħol ikun wieħed komplut, l-artist inkluda wkoll lil San Franġisk ta' Assisi bilwieqfa fuq in-naħa tax-xellug tal-kwadru. Lil dan il-qaddis narawh mingħajr il-qorq filwaqt li f'id waħda qiegħed iżomm il-ktieb u r-ras ta' skeletru kif is-soltu naraw fi xbihat oħrajn ta' dan il-qaddis.

Qaddis ieħor huwa San Plaċido. Forsi dan huwa l-qaddis li ma tant igawdi devozzjoni minn nies fil-gżejjer tagħna.

Santa Katarina, San Ġwann Battista, Santa Barbara u San Franġisk għandhom Knisja ddedikata lilhom fil-Belt Valletta. Uħud minn dawn il-qaddisin sirna nafu dwarhom permezz tal-wasla tal-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann f'Malta. Il-Kult Franġiskan nafuh sew mid-diversi ordnijiet tal-patrijiet u sorijiet li għandhom il-kunventi tagħhom f'Malta u Għawdex.

Xbihat ta' Santa Katarina verġni u martri nsibuhom ukoll f'numru ta' knejjes, statwi fi pjazez u toroq. Għandna wkoll f'żewġ tempji ddedikati lil din il-qaddisa fiż-Żejtun u fiż-Żurrieq. Żewġ knejjes kbar mogħnija bl-aktar opri sagri sbieħ li għamlu l-aqwa artisti u mgħallmin matul is-snin bis-sagrifiċċji ta' dawk li minn dejjem xtaqu li din il-qaddisa kbira tkun meqjuma fl-isbaħ tempji.

Il-festa t-tajba lil kulħadd.